# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 105

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

25 ta' April 2018

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/631 tas-7 ta' Frar 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-pesti tal-pjanti** ........ 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/632 tad-19 ta' Frar 2018 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka** ........ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/633 tal-24 ta' April 2018 li jemenda ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........ 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/634 tal-24 ta' April 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799 fir-rigward ta' tabelli tal-immappjar li jispeċifikaw il-korrispondenza bejn valutazzjonijiet ta' riskju tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu u l-passi tal-kwalità tal-kreditu skont kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........ 14

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/635 tas-17 ta' April 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar tal-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpanniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE** ........ 21

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/636 tas-17 ta' April 2018 dwar l-identifikazzjoni tal-ftalat tad-diċikloeżil (DCHP) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(c) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2018) 2167)* ([1]) ........ 25

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/637 tal-20 ta' April 2018 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/766/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 900 MHz u 1 800 MHz għal sistemi terrestri li kapaċi jipprovdu servizzi elettroniċi pan-Ewropej ta' komunikazzjoni fil-Komunità fir-rigward ta' kundizzjonijiet tekniċi rilevanti għall-internet tal-oġġetti** *(notifikata bid-dokument C(2018) 2261)* ([1]) ........ 27

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/638 tat-23 ta' April 2018 li tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid ġewwa l-Unjoni tal-organiżmu ta' ħsara *Spodoptera frugiperda* (Smith)** *(notifikata bid-dokument C(2018) 2291)* ........ 31


## Rettifika


★ **Rettifika tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 2010** (ĠU L 288, 5.11.2010) ........ 35


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/631

### tas-7 ta' Frar 2018

### li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-pesti tal-pjanti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-15 ta' Marzu 2017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 92(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa li jieħdu l-miżuri xierqa u f'waqthom kontra l-pesti ta' kwarantina fit-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/2031 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll kontra pesti li mhumiex elenkati fil-lista tal-Unjoni ta' pesti ta' kwarantina, iżda li jistgħu, skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament, jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiddaħħlu f'dik il-lista. L-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħrajn li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija ta' importanza ewlenija f'dan ir-rigward.

(2) Dik l-effikaċja tiddependi mill-kwalità, l-uniformità u l-affidabbiltà tal-metodi tal-analiżi, tal-ittestjar jew tad-dijanjożi li jużaw il-laboratorji uffiċjali maħturin skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, u tar-riżultati tal-analiżijiet, tat-testijiet u tad-dijanjożijiet li jwettqu dawk il-laboratorji uffiċjali.

(3) Dawk il-metodi jridu jibqgħu jiġu aġġornati u fejn hemm bżonn, jittejbu, biex ikunu żgurati l-kwalità, l-uniformità u l-affidabbiltà tad-dejta analitika, tal-ittestjar u dijanostika li tiġi ġġenerata minnhom.

(4) Il-miżuri li ttieħdu għall-infestazzjonijiet preċedenti jindikaw li l-laboratorji maħturin bi qbil mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625 jibbenefikaw mill-koordinazzjoni u l-għajnuna biex jittejbu u jingħataw spinta prattiki uniformi fl-iżvilupp jew fl-użu tal-metodi tal-analiżi, tal-ittestjar jew tad-dijanjożi li jużaw dawk il-laboratorji uffiċjali, u fl-interpretazzjoni tar-riżultati.

(5) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea biex jgħinu biex jittejbu u jiġu armonizzati l-metodi tal-analiżi, tal-ittestjar jew tad-dijanjożi, jgħinu fl-iżvilupp ta' metodi vvalidati u fl-għajnuna kkoordinata għal dawk il-laboratorji uffiċjali.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016., p. 4).

(6) Biex tkun żgurata l-ispeċjalizzazzjoni xierqa, jenħtieġ li jiġi stabbilit laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea speċifiku wieħed għal kull kategorija speċifika ta' pesti. Jenħtieġ li dawk il-kategoriji jqisu n-natura u l-bijoloġija tal-pesti, kif rifless fil-kategorizzazzjoni tagħhom stabbilita fil-Parti A tal-Anness I u fil-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([1]). Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-kategoriji ta' pesti li ġejjin: l-insetti u d-dud, in-nematodi, il-batterji, il-faqqiegħ u l-oomiċeti, u l-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi (li hu terminu aġġornat għal "micoplasms", kif imsemmi f'dik id-Direttiva).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'dan huma stabbiliti l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-pesti ta' kwarantina kif stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/2031 rigward il-pesti li mhumiex elenkati fil-lista tal-Unjoni ta' pesti ta' kwarantina iżda li jistgħu, skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament, jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiddaħħlu f'dik il-lista, u abbażi tal-kategorizzazzjoni stabbilita fid-Direttiva 2000/29/KE:

(a) laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-insetti u d-dud;

(b) laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għan-nematodi;

(c) laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-batterji;

(d) laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-faqqiegħ u l-oomiċeti;

(e) laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/632

## tad-19 ta' Frar 2018

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba n-nuqqas tal-Istati Uniti li jrendu l-Att dwar il-Kumpens għall-Persistenza tad-Dumping u għaż-Żamma tas-Sussidji (CDSOA) konformi mal-obbligi skont il-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), ir-Regolament (KE) Nru 673/2005 impona dazju doganali addizzjonali *ad valorem* ta' 15 % fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka mill-1 ta' Mejju 2005. F'konformità mal-awtorizzazzjoni tad-WTO biex tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet lill-Istati Uniti, il-Kummissjoni se taġġusta l-livell tas-sospensjoni kull sena għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mis-CDSOA lill-Unjoni Ewropea f'dak iż-żmien.

(2) L-iżborżi mis-CDSOA għall-aktar sena riċenti li għaliha teżisti *data* disponibbli huma relatati mad-distribuzzjoni ta' dazji antidumping u kompensatorji miġbura matul is-Sena Fiskali 2017 (mill-1 ta' Ottubru 2016 sat-30 ta' Settembru 2017). Abbażi tad-*data* ppubblikata mill-Ħarsien tad-Dwana u tal-Fruntieri tal-Istati Uniti, il-livell ta' tixjin jew ħsara ikkawżat lill-Unjoni huwa kkalkulat li jammonta għal USD 682 823.

(3) Il-livell ta' tixjin jew ħsara, u konsegwentement, ta' sospensjoni, naqas. Madankollu, il-livell ta' sospensjoni ma jistax jiġi aġġustat għal-livell ta' tixjin jew ħsara billi jiżdiedu jew jitneħħew prodotti mil-lista fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 673/2005. Billi jitneħħew il-prodotti kollha ħlief għal wieħed, il-livell ta' ritaljazzjoni (4,3 % tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali) ikun jaqbeż it-72 % tal-iżborżi mis-CDSOA, mentri dan ikun anqas jekk jitħalla l-aħħar prodott fl-Anness I. B'konsegwenza ta' hekk, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(e) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tibdilx il-lista ta' prodotti fl-Anness I u temenda r-rata tad-dazju addizzjonali sabiex taġġusta l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara. Jenħtieġ għalhekk li l-erba' prodotti elenkati fl-Anness I jinżammu fil-lista u jenħtieġ li r-rata tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali tiġi emendata u ffissata għal 0,3 %.

(4) L-effett ta' dazju tal-importazzjoni addizzjonali *ad valorem* ta' 0,3 % fuq importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-prodotti fl-Anness I jirrappreżenta, fuq perjodu ta' sena, valur ta' kummerċ li ma jaqbiżx USD 682 823.

(5) Biex ikun żgurat li ma jkun hemm ebda dewmien fl-applikazzjoni tar-rata emendata tad-dazju ta' importazzjoni addizzjonali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 673/2005 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 673/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Dazju *ad valorem* ta' 0,3 % apparti d-dazju doganali applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (*) għandu jiġi impost fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1"

(2) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 110, 30.4.2005, p. 1; kif emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 38/2014 (ĠU L 18, 21.1.2014, p. 52).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

*"ANNESS I*

Il-prodotti li fuqhom għandhom japplikaw id-dazji addizzjonali huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-NM bi tmien ċifri u jikkorrispondu għad-deskrizzjonijiet mogħtija.

| | |
|---|---|
| 0710 40 00 | Qamħ ħelu |
| 6204 62 31 | Qliezet u qliezet li jaslu u jintrabtu taħt l-irkoppa (*breeches*) tan-nisa jew tal-bniet, li mhumiex industrijali jew għandhom x'jaqsmu max-xogħol, tal-qoton tad-denim. |
| 8705 10 00 | Trakkijiet krejn |
| ex 9003 19 00 | Frejms u mmuntar ta' nuċċalijiet, gogils jew bħalhom, tal-metall ta' valur baxx" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/633

## tal-24 ta' April 2018

## li jemenda ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 109a(1) tagħha,

Billi:

(1) Wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1800 ([2]), ħames istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ġodda ġew irreġistrati jew iċċertifikati. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat l-Anness ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni sabiex il-valutazzjonijiet ta' kreditu ikunu ta' dawk l-istituzzjonijiet esterni ta' valutazzjoni tal-kreditu li għadhom kif ġew irreġistrati jew iċċertifikati jkunu allokati għal skala oġġettiva tal-passi tal-kwalità tal-kreditu.

(2) Ir-Reġistrazzjoni ta' istituzzjoni esterna waħda ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kienet iritirata mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800. L-istituzzjoni direġistrata għalhekk jenħtieġ li titneħħa mill-Anness ta' dan it-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) lill-Kummissjoni.

(4) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u tas-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 jiġi sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1800 tal-11 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 19).
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).
([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

*"ANNESS*

**L-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu**

| **Skala tal-kwalità kreditizja** | **0** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *AM Best Europe-Rating Services Ltd.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | aaa | aa+, aa, aa- | a+, a, a- | bbb+, bbb, bbb- | bb+, bb, bb- | b+, b, b- | ccc+, ccc, ccc-, cc, c, rs |
| Skala tal-klassifikazzjonijiet tad-dejn fuq terminu ta' żmien twil | aaa | aa+, aa, aa- | a+, a, a- | bbb+, bbb, bbb- | bb+, bb, bb- | b+, b, b- | ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d |
| Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja | | A++, A+ | A, A- | B++, B+ | B, B- | C++, C+ | C, C-, D, E, F, S |
| Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir | | AMB-1+ | AMB-1- | AMB-2, AMB-3 | AMB- 4 | | |
| *ARC Ratings S.A.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien medju u twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien medju u twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC/C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir | | A++ | A | | B, C, D | | |
| *Axesor S.A.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| *Banque de France* | | | | | | | |
| Skala globali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | | 3++ | 3+, 3 | 4+ | 4, 5+ | 5, 6 | 7, 8, 9, P |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *BCRA – Credit Rating Agency AD* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-assigurazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | iAAA | iAA | iA | iBBB | iBB | iB | iC, iD |
| Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni muniċipali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni muniċipali fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *Capital Intelligence* | | | | | | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | C, RS, SD, D |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *Cerved Rating Agency S.p.A.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien twil | A1.1 | A1.2, A1.3 | A2.1, A2.2, A3.1 | B1.1, B1.2 | B2.1, B2.2 | C1.1 | C1.2, C2.1 |
| *Creditreform Ratings AG* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | C, D |
| *CRIF S.p.A.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, D1, D2 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Dagong Europe Credit Rating* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1 | | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *DBRS Ratings Limited* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-obbligi fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-karti kummerċjali u tad-dejn fuq perjodu ta' żmien qasir | | R-1 H, R-1 M | R-1 L | R-2, R-3 | R-4, R-5, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-abilità ta' pagament ta' pretensjonijiet | | IC-1 | IC-2 | IC-3 | IC-4 | IC-5 | D |
| *Egan-Jones Ratings Co.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2 | A-3, B, C, D | | |
| *Euler Hermes Rating GmbH* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, SD, D |
| *European Rating Agency, a.s.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | | | AAA, AA, A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir | | | S1 | S2 | S3, S4, NS | | |
| *EuroRating Sp. z o.o.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Fitch France S.A.S., Fitch Deutschland GmbH, Fitch Italia S.p.A., Fitch Polska S.A., Fitch Ratings España S.A.U., Fitch Ratings Limited UK, Fitch Ratings CIS Limited* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, RD, D |
| Obbligi korporattivi ta' finanzjament — Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C |
| Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir | | F1+ | F1 | F2, F3 | B, C, RD, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta' żmien qasir | | F1+ | F1 | F2, F3 | B, C | | |
| *GBB-Rating Gesellschaft für Bonitätsbeurteilung mbH* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | | A, BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *HR Ratings de México, S.A. de C.V.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | HR AAA(G) | HR AA(G) | HR A(G) | HR BBB(G) | HR BB(G) | HR B(G) | HR C(G), HR D (G) |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | HR+1(G) | HR1(G) | HR2(G) | HR3(G) | HR4(G), HR5(G), HR D(G) | | |
| *ICAP Group S.A.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | | | AA, A | BB, B | C, D | E, F | G, H |
| *INC Rating Sp. z o.o.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Japan Credit Rating Agency Ltd* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, LD, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | J-1+ | J-1 | J-2 | J-3, NJ, LD, D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | J-1+ | J-1 | J-2 | J-3, NJ, D | | |
| *Kroll Bond Rating Agency* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir | | K1+ | K1 | K2, K3 | B, C, D | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *modeFinance S.r.l.* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | A1 | A2 | A3 | B1 | B2 | B3 | C1, C2, C3, D |
| *Moody's Investors Service Cyprus Ltd, Moody's France S.A.S., Moody's Deutschland GmbH, Moody's Italia S.r.l., Moody's Investors Service España S.A., Moody's Investors Service Ltd* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | Aaa | Aa | A | Baa | Ba | B | Caa, Ca, C |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-fondi tal-bonds | Aaa-bf | Aa-bf | A-bf | Baa-bf | Ba-bf | B-bf | Caa-bf, Ca-bf, C-bf |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | P-1 | P-2 | P-3 | NP | | |
| *Rating-Agentur Expert RA GmbH* | | | | | | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjonital-kreditu | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-affidabilità internazzjonali | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| *Scope Ratings AG* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | S-1+ | S-1 | S-2 | S-3, S-4 | | |
| *Spread Research* | | | | | | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Standard & Poor's Credit Market Services France S.A.S., Standard & Poor's Credit Market Services Italy S.r.l., Standard & Poor's Credit Market Services Europe Limited* | | | | | | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, R, SD/D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-assiguratur | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, SD/D, R |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-fondi | AAAf | AAf | Af | BBBf | BBf | Bf | CCCf |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Skala tal-klassifikazzjoni għall-evalwazzjoni ta' nofs is-suq | | | MM1 | MM2 | MM3, MM4 | MM5, MM6 | MM7, MM8, MMD |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, R, SD/D | | |
| Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *The Economist Intelligence Unit Ltd* | | | | | | | |
| Skala gradwatorja tal-klassifikazzjoni sovrana | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/634

## tal-24 ta' April 2018

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799 fir-rigward ta' tabelli tal-immappjar li jispeċifikaw il-korrispondenza bejn valutazzjonijiet ta' riskju tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu u l-passi tal-kwalità tal-kreditu skont kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 [2] jispeċifika fl-Anness III tiegħu, il-korrispondenza tal-valutazzjonijiet tal-kreditu rilevanti maħruġa minn istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu ("ECAI") għall-iskali tal-kwalità kreditizja stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (immappjar).

(2) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799 kienu rreġistrati jew iċċertifikati aġenziji addizzjonali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]. Barra minn hekk, tneħħiet mir-reġistru waħda mill-ECAIs li għalihom ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799 ipprovda immappjar. Minħabba li l-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jesiġi l-ispeċifikazzjoni ta' immappjar għall-ECAIs kollha, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799 biex jipprovdi mmappjar għall-ECAIs li għadhom kif ġew irreġistrati jew iċċertifikati, u biex jitneħħa l-immappjar ta' ECAIs li tneħħew mir-reġistru.

(3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea, mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol b'mod konġunt (l-"Awtoritajiet Superviżorji Ewropej") lill-Kummissjoni.

(4) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4], tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u tas-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5], tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6].

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799 għandu jiġi emendat skont dan,

---

[1] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 tas-7 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikoli 136(1) u 136(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 3).

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1799**

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

*"ANNESS III*

**Tabelli tal-immappjar għall-finijiet tal-Artikolu 16**

| **Skala tal-kwalità kreditizja** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *AM Best Europe-Rating Services Ltd.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu twil | aaa, aa+, aa, aa- | a+, a, a- | bbb+, bbb, bbb- | bb+, bb, bb- | b+, b, b- | ccc+, ccc, ccc-, cc, c, rs |
| Skala ta' klassifikazzjonijiet tad-dejn fuq terminu twil | aaa, aa+, aa, aa- | a+, a, a- | bbb+, bbb, bbb- | bb+, bb, bb- | b+, b, b- | ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d |
| Skala ta' klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja | A++, A+ | A, A- | B++, B+ | B, B- | C++, C+ | C, C-, D, E, F, S |
| Skala ta' klassifikazzjoni ta' terminu qasir | AMB-1+ | AMB-1- | AMB-2, AMB-3 | AMB- 4 | | |
| *ARC Ratings S.A.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu medju u twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu medju u twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC/C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu qasir | A++ | A | | B, C, D | | |
| *Axesor SA* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| *Banque de France* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu twil | 3++ | 3+, 3 | 4+ | 4, 5+ | 5, 6 | 7, 8, 9, P |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *BCRA – Credit Rating Agency AD* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-assigurazzjoni fuq terminu twil | iAAA, iAA | iA | iBBB | iBB | iB | iC, iD |
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni muniċipali fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni muniċipali fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *Capital Intelligence Ltd* | | | | | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittent fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | C, RS, SD, D |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittent fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *Cerved Rating Agency S.p.A.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu twil | A1.1, A1.2, A1.3 | A2.1, A2.2, A3.1 | B1.1, B1.2 | B2.1, B2.2 | C1.1 | C1.2, C2.1 |
| *Credit reform Ratings AG* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | C, D |
| *CRIF S.p.A.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, D1, D2 |
| *Dagong Europe Credit Rating* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir | A-1 | | A-2, A-3 | B, C, D | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *DBRS Ratings Limited* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni ta' obbligi fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni ta' dejn għal karta kummerċjali u dejn b'terminu qasir | R-1 H, R-1 M | R-1 L | R-2, R-3 | R-4, R-5, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-abilità ta' pagament ta' pretensjonijiet | IC-1 | IC-2 | IC-3 | IC-4 | IC-5 | D |
| *Egan-Jones Ratings Co.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC,CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2 | A-3, B, C, D | | |
| *Euler Hermes klassifikazzjoni GmbH* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, SD, D |
| *European Rating Agency, a.s.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu twil | | AAA, AA | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu qasir | | S1 | S2 | S3, S4, NS | | |
| *AbbVie Polska Sp. z o.o.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Il-klassifikazzjonijiet ta' Fitch* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, RD, D |
| Obbligi ta' finanzi korporattivi - skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu twil | AAA AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu qasir | F1+ | F1 | F2, F3 | B, C, RD, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu qasir | F1+ | F1 | F2, F3 | B, C | | |
| *GBB-Rating Gesellschaft für Bonitäts-beurteilung mbH* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | AAA, AA | | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *HR Ratings de México, S.A. de C.V.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | HR AAA(G)/HR AA(G) | HR A(G) | HR BBB(G) | HR BB(G) | HR B(G) | HR C(G)/HR D(G) |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu qasir | HR+1(G)/HR1(G) | HR2(G) | HR3(G) | HR4(G), HR5(G), HR D(G) | | |
| *ICAP Group S.A* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | | AA, A | BB, B | C, D | E, F | G, H |
| *INC Rating Sp. z o.o.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittent fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC,CC, C, D |
| *Japan Credit Rating Agency Ltd* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittent fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, LD, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittent fuq terminu qasir | J-1+ | J-1 | J-2 | J-3, NJ, LD, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittent fuq terminu qasir | J-1+ | J-1 | J-2 | J-3, NJ, D | | |
| *Kroll Bond Rating Agency* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir | K1+ | K1 | K2, K3 | B, C, D | | |
| *modeFinance S.r.l.* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | A1,A2 | A3 | B1 | B2 | B3 | C1, C2, C3, D |
| *Moody's Investors Service* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | Aaa, Aa | A | Baa | Ba | B | Caa, Ca, C |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-fondi tal-bonds | Aaa-bf, Aa-bf | A-bf | Baa-bf | Ba-bf | B-bf | Caa-bf, Ca-bf, C-bf |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu qasir | P-1 | P-2 | P-3 | NP | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Rating-Agentur Expert RA GmbH* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni ta' kreditu internazzjonali | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC,CC, C, D, E |
| Skala ta' klassifikazzjoni dwar l-affidabbiltà internazzjonali | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC,CC, C, D, E |
| *Scope Ratings AG* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC,C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu qasir | S-1+ | S-1 | S-2 | S-3, S-4 | | |
| *Spread Research* | | | | | | |
| Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Standard & Poor's Ratings Services* | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, R, SD/D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu twil | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-assiguratur | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, SD/D, R |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-fondi | AAAf, AAf | Af | BBBf | BBf | Bf | CCCf |
| Skala ta' klassifikazzjoni għall-Evalwazzjoni ta' Nofs is-Suq | | MM1 | MM2 | MM3, MM4 | MM5, MM6 | MM7, MM8, MMD |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittent fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, R, SD/D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittent fuq terminu qasir | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *The Economist Intelligence Unit Ltd* | | | | | | |
| Skala tal-marġini ta' klassifikazzjoni sovrana | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D" |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/635

**tas-17 ta' April 2018**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar tal-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpanniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 50 u 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpanniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(5) Biex il-Ftehim ŻEE jiffunzjona sew, il-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi estiż sabiex jinkludi l-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar, stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 537/2014, u l-Anness XXII għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex jispeċifika l-proċeduri ta' assoċjazzjoni ma' dan il-Kumitat.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XXII u l-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.

(7) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar propost tal-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpanniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).
([4]) Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 196).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' April 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. ZAHARIEVA

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …

**ta'…**

**li temenda l-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpanniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista mill-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE ([1]), kif ikkorreġut mill-ĠU L 170, 11.6.2014, p. 66, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Biex il-Ftehim ŻEE jaħdem sew, il-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi estiż sabiex jinkludi l-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB) stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 537/2014, filwaqt li l-Anness XXII għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex jispeċifika l-proċeduri ta' assoċjazzjoni ma' dan il-Kumitat.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XXII u l-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XXII għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 10f (id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32014 L 0056**: Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 196).

   Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

   Fl-Artikolu 30c(3), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'kif imniżżla fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea' ma għandux japplika."

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 10i (id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "10j. **32014 R 0537**: Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77), kif ikkorreġut mill-ĠU L 170, 11.6.2014, p. 66.

   Il-modalitajiet għall-assoċjazzjoni tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim:

   L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA msemmija fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2006/43/KE għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB), taħt l-istess kundizzjonijiet bħal awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE iżda mingħajr id-dritt ta' vot. Il-membri mill-Istati tal-EFTA ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-Presidenza tac-CEAOB skont l-Artikolu 30(6).

([1]) ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77.
([2]) ĠU L 158, 27.5.2014, p. 196.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Il-kliem 'leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'il-Ftehim ŻEE jew leġislazzjoni nazzjonali' u l-kliem 'liġi nazzjonali jew tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'il-Ftehim ŻEE jew liġi nazzjonali'.

(b) Fl-Artikolu 41, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem 'Mis-17 ta' Ġunju 2020' għandhom jinqraw 'Minn sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]';

(ii) il-kliem 'Mis-17 ta' Ġunju 2023' għandhom jinqraw 'Minn disa' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]';

(iii) il-kliem 'is-16 ta' Ġunju 2014' għandhom jinqraw 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]'.

(iv) il-kliem 'sas-17 ta' Ġunju 2016' għandhom jinqraw 'sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]';

(c) Fl-Artikoli 44, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'mis-17 ta' Ġunju 2017' għandu jinqara 'sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [din id-deċiżjoni]'."

*Artikolu 2*

Il-punt li ġej huwa miżjud fil-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE:

"40. Il-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB) (ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)."

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 537/2014, kif ikkorreġuti bil-ĠU L 170, 11.6.2014, p. 66, u d-Direttiva 2014/56/UE, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, …

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma ġew indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/636

## tas-17 ta' April 2018

## dwar l-identifikazzjoni tal-ftalat tad-diċikloeżil (DCHP) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(c) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2018) 2167)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 59(9) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 59(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, fis-17 ta' Frar 2016, l-Iżvezja ppreżentat lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") dossier imħejji skont l-Anness XV ta' dak ir-Regolament ("dossier tal-Anness XV") għall-identifikazzjoni tal-ftalat tad-diċikloeżil (DCHP) (KE Nru 201-545-9, CAS Nru 84-61-7) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(c) u (f) ta' dak ir-Regolament, rispettivament minħabba l-klassifikazzjoni tagħha bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([2]), u minħabba li għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali li għalihom hemm evidenza xjentifika bi probabbiltà ta' effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent li jagħtu lok għal livell ta' tħassib ekwivalenti għal dak ikkawżat mis-sustanzi l-oħra elenkati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 57.

(2) Fid-9 ta' Ġunju 2016 il-Kumitat tal-Istati Membri tal-Aġenzija (l-MSC) adotta l-opinjoni tiegħu ([3]) dwar id-dossier tal-Anness XV. Qabel ma l-MSC adotta l-opinjoni tiegħu, l-Iżvezja rtirat il-proposta tagħha biex tidentifika d-DCHP skont l-Artikolu 57(f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 minħabba l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali li għalihom hemm evidenza xjentifika bi probabbiltà ta' effetti serji fuq l-ambjent, sabiex telabora aktar dwar il-ġustifikazzjonijiet ipprovduti f'dan id-dossier.

(3) L-MSC laħaq qbil unanimu dwar l-identifikazzjoni tad-DCHP bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna għaliex tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 57(c) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(4) L-MSC irrikonoxxa unanimament li għad-DCHP, hemm evidenza xjentifika dwar l-attività endokrinali u dwar ir-rabta bejn din l-attività u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, u barra minn hekk, li s-sustanza tista' titqies bħala sustanza li tfixkel is-sistema endokrinali b'rabta mas-saħħa tal-bniedem billi tissodisfa d-definizzjoni tad-WHO/IPCS ta' sustanza li tfixkel is-sistema endokrinali.

(5) Madankollu, l-MSC ma laħaqx qbil unanimu dwar l-identifikazzjoni tad-DCHP skont l-Artikolu 57(f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 bħala sustanza li tagħti lok għal livell ta' tħassib ekwivalenti għal dak ikkawżat mis-sustanzi l-oħra elenkati fil-punti (a) sa (c) ta' dak Artikolu minħabba proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali b'rabta mas-saħħa tal-bniedem. Skont ħames membri tal-MSC, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem indikati fid-dossier tal-Anness XV kienu l-istess effetti, ikkawżati mill-istess modalità ta' azzjoni, bħal dawk li diġà tqiesu fid-dossier għall-identifikazzjoni tas-sustanza bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(c) minħabba l-effetti negattivi fuq l-iżvilupp.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).
([3]) https://echa.europa.eu/documents/10162/a0ed7099-d284-45e4-87ae-9984c71024c8

(6) Fit-22 ta' Ġunju 2016, skont l-Artikolu 59(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-Aġenzija rreferiet l-opinjoni tal-MSC lill-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar l-identifikazzjoni tad-DCHP abbażi tal-Artikolu 57(f).

(7) Il-Kummissjoni tinnota l-qbil unanimu fl-MSC li s-sustanza DCHP għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali u li l-effetti negattivi kkawżati minn din il-modalità ta' azzjoni huma l-istess effetti li wasslu għall-klassifikazzjoni tagħha bħala tossika għar-riproduzzjoni u għall-proposta tal-identifikazzjoni tagħha bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(c) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-maġġoranza tal-membri tal-MSC ikkunsidraw li l-livell ta' tħassib ta' dawk l-effetti huwa ekwivalenti għal dak tas-sustanzi l-oħra msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 57.

(8) Il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 57 ma jipprekludix l-identifikazzjoni ta' sustanza bħala ta' tħassib serju ħafna għal bosta drabi abbażi ta' aktar minn proprjetà intrinsika waħda li tikkawża l-istess effett fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ibbażar fuq l-istess evidenza xjentifika. Dan l-approċċ kien segwit ukoll fl-identifikazzjoni tal-bis(2-etileżil) ftalat (DEHP), il-ftalat tad-dibutil (DBP), il-benżilbutilftalat (BBP) u l-ftalat tad-diisobutil (DIBP) skont l-Artikolu 57(f) tar-REACH ([1]).

(9) Għalhekk jenħtieġ li s-sustanza DCHP tiġi identifikata skont l-Artikolu 57(c) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u skont l-Artikolu 57(f) minħabba l-proprjetajiet tagħha li jfixklu s-sistema endokrinali bi probabbiltà ta' effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem.

(10) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-attivitajiet għaddejjin b'rabta mad-definizzjoni ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

1. Is-sustanza ftalat tad-diċikloeżil (DCHP) (Nru KE 201-545-9, CAS Nru 84-61-7) hija identifikata f'konformità mal-Artikolu 57(c) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 minħabba l-klassifikazzjoni tagħha bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u skont l-Artikolu 57(f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, minħabba l-proprjetajiet tagħha li jfixklu s-sistema endokrinali bi probabbiltà ta' effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem.

2. Is-sustanza għandha tiġi inkluża fil-lista ta' kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, bl-indikazzjoni li ġejja taħt "Raġuni għall-inklużjoni": "Tossika għar-riproduzzjoni (l-Artikolu 57(c)); proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) - is-saħħa tal-bniedem)".

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Elżbieta BIEŃKOWSKA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1210 tal-4 ta' Lulju 2017 dwar l-identifikazzjoni tal-bis(2-etileżil) ftalat (DEHP), il-ftalat tad-dibutil (DBP), il-benżilbutilftalat (BBP) u l-ftalat tad-diisobutil (DIBP) bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 6.7.2017, p. 35)

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/637**

**tal-20 ta' April 2018**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/766/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 900 MHz u 1 800 MHz għal sistemi terrestri li kapaċi jipprovdu servizzi elettroniċi pan-Ewropej ta' komunikazzjoni fil-Komunità fir-rigward ta' kundizzjonijiet tekniċi rilevanti għall-internet tal-oġġetti**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 2261)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) L-użu effiċjenti tal-meded ta' 900 MHz u 1 800 MHz ġie rivedut mill-Istati Membri bil-għan li jkopri teknoloġiji addizzjonali filwaqt li tiġi żgurata l-kompatibbiltà teknika mas-sistema tal-GSM u sistemi oħra ta' broadband bla fili b'mezzi adegwati skont id-Direttiva tal-Kunsill 87/372/KEE ([2]).

(2) L-internet tal-Oġġetti (IoT) ġeneralment jirreferi għall-interkonnessjoni permezz tal-internet ta' apparati integrati f'oġġetti ta' kuljum, li tippermetti li dawn l-oġġetti jiskambjaw id-dejta. L-IoT bla fili tista' wkoll tiġi realizzata permezz ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bbażati fuq teknoloġiji ċellulari, li normalment jagħmlu użu mill-ispettru liċenzjat. L-applikazzjonijiet tal-IoT bla fili jaqdu firxa wiesgħa ta' setturi industrijali bħal dawk tal-enerġija u s-settur awtomobilistiku u jistrieħu fuq id-disponibbiltà tal-ispettru.

(3) Fil-Pjan direzzjonali dwar l-Ispettru tiegħu tal-Internet tal-Oġġetti ([3]), il-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE ([4]), huwa tal-fehma li l-meded ta' frekwenzi allokati għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (netwerks tat-telefonija mobbli) jistgħu jintużaw għas-servizzi u l-applikazzjonijiet emerġenti tal-IoT. Il-meded ta' frekwenzi armonizzati mill-Unjoni, li jintużaw għall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika terrestri tal-broadband mingħajr fili min-netwerks tat-telefonija mobbli jistgħu għalhekk ikunu riżorsa importanti għall-IoT bla fili. L-RSPG ikkonkluda li, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu ta' dawn il-meded jenħtieġ li jqisu r-rekwiżiti tal-IoT mingħajr fili.

(4) Fl-14 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ħarġet lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju, mandat biex tirrevedi l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu tal-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika terrestri tal-broadband mingħajr fili biex ikunu jistgħu jintużaw ukoll mill-Internet tal-Oġġetti. Dan il-mandat fakkar b'mod partikolari li, skont ir-Rapport 266 tal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi tas-CEPT, m'hemm l-ebda ħtieġa li jiġu mmodifikati l-kundizzjonijiet tekniċi abbażi tad-diviżjoni tal-frekwenzi fil-modalità duplex u l-kundizzjonijiet tekniċi l-inqas restrittivi (block edge masks) fi kwalunkwe medda ta' frekwenzi armonizzata mill-Unjoni għall-faċilitazzjoni tal-użu mill-IoT.

(5) Abbażi ta' dan il-mandat, fit-13 ta' Marzu 2018, is-CEPT ippreżenta r-Rapport Nru 66 tiegħu (ir-Rapport CEPT) lill-Kummissjoni, li identifika t-teknoloġiji tal-IoT mingħajr fili fir-rigward tas-sistemi ta' komunikazzjoni mobbli tal-broadband (jiġifieri ċellulari), li ġew speċifikati dan l-aħħar mill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) ([5]): Extended Coverage GSM IoT (EC-GSM-IoT), LTE Machine Type Communications (LTE-MTC),

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 87/372/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni kordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità (ĠU L 196, 17.7.1987, p. 85).
([3]) Id-Dokument RSPG 17–006 final tad-9 ta' Novembru 2016.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE tas-26 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (ĠU L 198, 27.7.2002, p. 49).
([5]) Li jikkorrispondu mal-standards sat-3GPP Release 13, inkluż.

LTE evolved Machine Type Communications (LTE-eMTC), u Narrowband IoT (NB-IoT). Ir-rapport tas-CEPT ma jidentifikax it-teknoloġiji tal-IoT mingħajr fili rilevanti marbuta mas-sistemi tal-UMTS.

(6) It-teknoloġiji ċellulari tal-IoT imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu skjerati bi tliet modi: (a) irrispettivament mill-provvista tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika tal-broadband mingħajr fili ("indipendenti"), (b) billi tiġi prevista parti mir-riżorsi ta' blokka ta' frekwenzi li tintuża għall-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika tal-broadband bla fili ("in-band"), jew (c) fuq in-naħa ta' blokka ta' frekwenzi li tintuża għall-provvista tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika tal-broadband mingħajr fili ("medda ta' protezzjoni").

(7) Skont ir-Rapport CEPT, EC-GSM-IoT huwa parti integrata mis-sistema GSM skont id-Direttiva 87/372/KEE. Dan minnu nnifsu għandu l-karatteristiċi tal-ispettru tas-sistema GSM u jista' jitħaddem kemm "in-band" kif ukoll b'mod "indipendenti". Għalhekk, l-EC-GSM-IoT jikkonforma mal-kondizzjonijiet tekniċi applikabbli għal sistema tal-GSM mingħajr il-ħtieġa li dawn il-kundizzjonijiet jiġu emendati.

(8) Fir-rigward tal-LTE-MTC u LTE-eMTC, ir-rapport CEPT jenfasizza li dawn iż-żewġ teknoloġiji jużaw biss il-modalità tal-iskjerament "in-band", fejn ir-rekwiżiti tat-trażmettitur ikunu daqs jew aktar stretti minn dawk ta' sistema LTE. Għalhekk, kemm l-LTE-MTC kif ukoll l-LTE-eMTC jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tekniċi applikabbli għal sistema LTE mingħajr il-ħtieġa li dawn il-kondizzjonijiet jiġu emendati.

(9) Fir-rigward tal-NB-IoT, ir-rapport CEPT jikkonkludi li l-użu ta' dawn it-tliet modalitajiet ta' skjerament kollha, jiġifieri "in-band", "indipendenti" jew "medda ta' protezzjoni" huwa possibbli. Huwa jirrakkomanda emenda għall-kondizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-meded tad-900 MHz u 1 800 MHz fir-rigward tal-modalitajiet tal-iskjerament "indipendenti" u "medda ta' protezzjoni".

(10) L-ETSI adottat standards armonizzati sabiex tingħata presunzjoni tal-konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ("id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju") sabiex tinkludi t-teknoloġiji mingħajr fili tal-IoT fit-tliet modalitajiet ta' skjerament.

(11) Ir-rapport CEPT ma identifika l-ebda kwistjoni ta' koordinazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri problematika żżejjed li tista' tirriżulta mill-introduzzjoni tat-teknoloġiji tal-IoT mingħajr fili msemmija hawn fuq fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz.

(12) Ir-riżultati li ħarġu mix-xogħol li sar skont il-mandat maħruġ lis-CEPT jenħtieġ li jiġu integrati fil-liġi tal-Unjoni mill-iktar fis possibbli minħabba d-domanda tas-suq li qiegħda tikber għall-applikazzjonijiet tal-IoT mingħajr fili, bil-kundizzjoni li l-użu tal-IoT ċellulari fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz jagħti protezzjoni xierqa lis-sistemi eżistenti fil-meded ta' maġenbhom.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/766/KE ([2]), li tirreferi għal tipi ta' sistemi terrestri li jistgħu jużaw il-meded ta' 900 MHz u 1 800 MHz, jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2009/766/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) 'sistema tal-GSM' tfisser netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif speċifikat mill-istandards tal-ETSI, b'mod partikolari EN 301 502, EN 301 511 u EN 301 908-18, li jinkludi wkoll il-GSM B'Kopertura Estiża tal-IoT (EC-GSM-IoT);";

([1]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62)

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/766/KE tas-16 ta' Ottubru 2009 dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 900 MHz u 1 800 MHz għal sistemi terrestri li kapaċi jipprovdu servizzi elettroniċi pan-Ewropej ta' komunikazzjoni fil-Komunità (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 32).

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-medda ta' 1 800 MHz għandha tkun iddeżinjata u ssir disponibbli għal:

(a) Sistemi GSM, bl-eċċezzjoni tal-EC-GSM-IoT, sad-9 ta' Novembru 2009;

(b) EC-GSM-IoT sat-30 ta' Settembru 2018.";

(3) jiżdied dan l-Artikolu 4 a li ġej:

"*Artikolu 4 a*

Il-medda 900 MHz għandha tkun iddeżinjata u ssir disponibbli għas-sistemi tal-EC-GSM-IoT sat-30 ta' Settembru 2018.";

(4) L-Anness tad-Deċiżjoni 2009/766/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

Mariya GABRIEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

“*ANNESS*

**LISTA’ TA’ SISTEMI TERRESTRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3 U L-ARTIKOLU 4(2)**

Il-parametri tekniċi li ġejjin għandhom jiġu applikati bħala parti essenzjali mill-kondizzjonijiet neċessarji biex jiżguraw il-koeżistenza fin-nuqqas ta’ ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn netwerks ġirien, mingħajr ma jipprekludu l-parametri tekniċi anqas stretti jekk ikunu miftiehma bejn l-operaturi ta’ tali netwerks.

| Sistemi | Parametri tekniċi | Skadenzi tal-implimentazzjoni |
|---|---|---|
| UMTS, kif speċifikati fl-Istandards tal-ETSI, b’mod partikolari EN 301 908–1, EN 301 908–2, EN 301 908–3 u EN 301 908–11 | 1. Separazzjoni tal-carrier ta’ 5 MHz jew aktar bejn żewġ netwerks tal-UMTS ġirien.<br>2. Separazzjoni tal-carrier ta’ 2,8 MHz jew aktar bejn netwerk tal-UMTS u ieħor tal-GSM ġirien. | 9 ta’ Mejju 2010 |
| LTE ([1]), kif speċifikati fl-Istandards tal-ETSI, b’mod partikolari EN 301 908-1, EN 301 908-13, EN 301 908-14, EN 301 908-15, u EN 301 908-18 | 1. Separazzjoni tal-frekwenza ta’ 200 kHz jew iktar bejn it-tarf tal-kanal tal-LTE u t-tarf tal-kanal tal-carrier tal-GSM bejn netwerk tal-LTE u netwerk tal-GSM ġirien.<br>2. M’hemm għalfejn issir l-ebda separazzjoni tal-frekwenza bejn it-tarf tal-kanal tal-LTE u t-tarf tal-kanal tal-carrier tal-UMTS bejn netwerk tal-LTE u netwerk tal-UMTS ġirien.<br>3. M’hemm għalfejn issir l-ebda separazzjoni tal-frekwenza bejn it-truf tal-kanal tal-LTE bejn żewġ netwerks ġiriEN tal-LTE. | 31 ta’ Diċembru 2011, bl-eċċezzjoni tat-30 ta’ Settembru 2018 għall-LTE-MTC u LTE-eMTC |
| WiMAX konformi mal-Istandards tal-ETSI, b’mod partikolari EN 301 908-1, EN 301 908-21 u EN 301 908-22 | 1. Separazzjoni tal-frekwenza ta’ 200 kHz jew iktar bejn it-tarf tal-kanal tal-WiMAX u t-tarf tal-kanal tal-carrier tal-GSM bejn netwerk tal-WiMAX u netwerk tal-GSM ġirien.<br>2. M’hemm għalfejn issir l-ebda separazzjoni tal-frekwenza bejn it-tarf tal-kanal tal-WiMAX u t-tarf tal-kanal tal-carrier tal-UMTS bejn netwerk tal-WiMAX u netwerk tal-UMTS ġirien.<br>3. M’hemm għalfejn issir l-ebda separazzjoni tal-frekwenza bejn it-truf tal-kanal tal-WiMAX u żewġ netwerks ġiriEN tal-WiMAX. | 31 ta’ Diċembru 2011 |
| Narrowband IoT (NB-IoT) kif speċifikat fl-Istandards tal-ETSI, b’mod partikolari EN EN 301 908-1, EN 301 908-13, EN 301 908-14, EN 301 908-15, u EN 301 908-18 | 1. Modalità “indipendenti”:<br>— Separazzjoni tal-frekwenza ta’ 200 kHz jew iktar bejn it-tarf tal-kanal NB-IoT indipendenti ta’ netwerk u t-tarf tal-kanal UMTS/LTE tan-netwerk ta’ maġenbu;<br>— Separazzjoni tal-frekwenza ta’ 200 kHz jew iktar bejn it-tarf tal-kanal NB-IoT indipendenti ta’ netwerk u t-tarf tal-kanal GSM tan-netwerk ġar tiegħu.<br>2. Modalità “In-band”: japplikaw l-istess parametri bħal fil-każ tal-LTE.<br>3. Modalità “Guard-band”: separazzjoni tal-frekwenza ta’ 200 kHz jew iktar, bejn it-tarf tal-kanal NB-IoT u t-tarf ta’ blokka tal-operatur, b’kunsiderazzjoni għal meded ta’ protezzjoni eżistenti bejn il-truf tal-blokok tal-operaturi jew it-tarf tal-medda operattiva (maġenb servizzi oħrajn). | 30 ta’ Settembru 2018 |

([1]) Inklużi LTE Machine Type Communications (LTE-MTC) u LTE evolved Machine Type Communications (LTE-eMTC), li joperaw bl-istess kondizzjonijiet tekniċi bħall-LTE.”

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/638**

**tat-23 ta' April 2018**

**li tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid ġewwa l-Unjoni tal-organiżmu ta' ħsara *Spodoptera frugiperda* (Smith)**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 2291)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari t-tielet sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Is-*Spodoptera frugiperda* (Smith) (minn hawn 'il quddiem: "l-organiżmu speċifikat"), huwa elenkat fil-punt 22 tas-Sezzjoni I(a) tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE bħala organiżmu ta' ħsara li mhuwiex magħruf li jseħħ fl-Unjoni.

(2) Fil-punt 27.2 tas-Sezzjoni I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE hemm stipulati l-miżuri speċifiċi li jipprevjenu li l-organiżmu speċifikat jidħol u jinfirex fl-Unjoni. Dawk il-miżuri jikkonsistu minn rekwiżiti speċjali dwar l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti tal-ġeneri *Dendranthema* (DC.) Des Moul., *Dianthus* L. u *Pelargonium* l'Hérit. ex Ait., li jistgħu jospitaw l-organiżmu ta' ħsara.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) tat opinjoni xjentifika dwar il-kategorizzazzjoni bħala organiżmu ta' ħsara tal-organiżmu speċifikat, u din ġiet adottata fit-28 ta' Ġunju 2017 ([2]). Barra minn hekk, l-Istati Membri ppreżentaw id-dejta dwar l-interċezzjoni ta' organiżmi li nstabu fuq komoditajiet innegozjati.

(4) Minħabba l-introduzzjoni u t-tifrix riċenti tal-organiżmu speċifikat fl-Afrika, u minħabba d-distribuzzjoni tiegħu fuq il-kontinent tal-Amerka u d-dejta ta' interċezzjoni li ppreżentaw xi Stati Membri, ċerti pjanti oħrajn li jospitaw l-organiżmu speċifikat u li joriġinaw mill-Afrika jew mill-kontinent Amerikan (minn hawn 'il quddiem: "il-pjanti speċifikati"), jenħtieġ li jkunu soġġetti għal miżuri speċifiċi meta jiddaħħlu fl-Unjoni.

(5) Jenħtieġ li dawk il-miżuri speċifiċi jipprevedu s-sejba bikrija tal-organiżmu speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, jipprevedu r-rekwiżiti għall-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni, fosthom ċertifikat fitosanitarju, u jipprevedu verifiki uffiċjali fil-ħin li dawk il-pjanti jkunu qed jiddaħħlu fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu stħarriġiet annwali dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorji tagħhom u jenħtieġ li jiżguraw li l-operaturi professjonali jkunu infurmati dwar il-preżenza potenzjali tiegħu u dwar il-miżuri li jridu jittieħdu.

(6) Dawk il-miżuri huma meħtieġa biex ikun żgurat li t-territorju tal-Unjoni jkun protett aħjar mid-dħul, mill-istabbiliment u mit-tifrix tal-organiżmu speċifikat.

(7) Biex il-korpi uffiċjali responsabbli u l-operaturi professjonali jkollhom biżżejjed żmien biex jaddattaw ruħhom għal dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Ġunju 2018.

(8) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun temporanja u tibqa' tapplika sal-31 ta' Mejju 2020 biex tkun tista' tiġi evalwata qabel dik id-data.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "organiżmu speċifikat" tfisser *Spodoptera frugiperda* (Smith);

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
([2]) *EFSA Journal* 2017;15(7):4927.

(b) "pjanti speċifikati" tfisser il-frott tal-*Capsicum* L., *Momordica* L., *Solanum aethiopicum* L., *Solanum macrocarpon* L. u *Solanum melongena* L., u l-pjanti, minbarra t-trab tad-dakra ħaj, kulturi tat-tessut tal-pjanti, żerriegħa u ħbub ta' *Zea mays* L. li joriġinaw mill-Afrika jew mill-kontinent Amerikan;

(c) "sit tal-produzzjoni" tfisser parti ddefinita tal-post tal-produzzjoni, li tkun ġestita bħala unità separata għal għanijiet fitosanitarji. "Post tal-produzzjoni" tfisser kwalunkwe post jew grupp ta' għelieqi li jitħaddmu bħala unità ta' produzzjoni jew unità ta' biedja waħda.

*Artikolu 2*

**Is-sejba jew is-suspett tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna li tissuspetta jew issir taf bil-preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorju tagħhom tinforma lill-korp uffiċjali responsabbli minnufih u tipprovdilu l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-preżenza, jew il-preżenza suspettata, tal-organiżmu speċifikat.

2. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jirreġistra din l-informazzjoni minnufih.

3. Meta l-korp uffiċjali responsabbli jkun ġie infurmat bil-preżenza, jew bil-preżenza suspettata, tal-organiżmu speċifikat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonferma dik il-preżenza, jew il-preżenza suspettata.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna li jkollha fil-kontroll tagħha xi pjanti li għandhom mnejn ikunu infestati bl-organiżmu speċifikat tiġi avżata minnufih bil-preżenza jew bil-preżenza suspettata tal-organiżmu speċifikat, tingħata t-tagħrif dwar il-konsegwenzi possibbli u dwar ir-riskji, u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

*Artikolu 3*

**Ir-rekwiżiti għad-dħul tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni**

Il-pjanti speċifikati għandhom jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jkollhom magħhom ċertifikat fitosanitarju, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(ii) tad-Direttiva 2000/29/KE;

(b) għandhom jikkonformaw mal-punti (a), (b), (c), (d) jew (e) tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni. Il-punt rilevanti għandu jkun indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali". Fil-każ tal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 4, iċ-ċertifikat fitosanitarju għandu jindika wkoll l-informazzjoni li tiżgura t-traċċabbiltà, indikata taħt il-punt (c)(iv);

(c) malli jidħlu fl-Unjoni, għandhom jiġu eżaminati mill-korp uffiċjali responsabbli bi qbil mal-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni, u ma għandhomx jinstabu sinjali tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat.

*Artikolu 4*

**L-oriġini tal-pjanti speċifikati**

Il-pjanti speċifikati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'waħda mill-punti li ġejjin:

(a) joriġinaw minn pajjiż terz li fih mhuwiex magħruf li jeżisti l-organiżmu speċifikat;

(b) joriġinaw minn żona ħielsa mill-organiżmu speċifikat, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali tal-protezzjoni tal-pjanti skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; l-isem ta' dik iż-żona għandu jkun iddikjarat fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt l-intestatura "post tal-oriġini";

(c) joriġinaw minn żoni differenti minn dawk imsemmijin fil-punti (a) u (b), u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (i) il-pjanti jkunu tkabbru f'sit tal-produzzjoni li jkun irreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini;

   (ii) ikunu saru spezzjonijiet uffiċjali fis-sit tal-produzzjoni waqt l-aħħar tliet xhur qabel l-esportazzjoni, u ma jkun instab ebda sinjal tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat fuq il-pjanti speċifikati;

(iii) qabel ma jkunu ġew esportati, il-pjanti speċifikati tkun saritilhom spezzjoni uffiċjali u jkunu nstabu ħielsa mill-organiżmu speċifikat;

(iv) waqt li jinġarru l-pjanti speċifikati, qabel ma jiġu esportati, trid tingħata l-informazzjoni li tiżgura li jista' jiġi rintraċċat is-sit tal-produzzjoni tagħhom;

(v) il-pjanti speċifikati jkunu tkabbru f'sit tal-produzzjoni li jkollu protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat;

(d) joriġinaw minn żoni differenti minn dawk imsemmijin fil-punti (a) u (b), u jikkonformaw mal-punti (c)(i sa iv) u jkunu ngħataw trattament effettiv li jiżgura li jkunu ħielsa mill-organiżmu speċifikat;

(e) joriġinaw minn żoni differenti minn dawk imsemmijin fil-punti (a) sa (b), u jkunu ingħataw trattament ta' wara l-ħsad effettiv li jiżgura li jkunu ħielsa mill-organiżmu speċifikat, u dan it-trattament ikun indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju.

*Artikolu 5*

**Kontrolli uffiċjali mal-introduzzjoni fl-Unjoni**

1. Kull konsenja tal-pjanti speċifikati li tiddaħħal fl-Unjoni għandha tkun ikkontrollata b'mod uffiċjali fil-punt tad-dħul fl-Unjoni jew fil-post tad-destinazzjoni stabbilit skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE ([1]).

2. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jwettaq dawn il-kontrolli li ġejjin:

(a) spezzjoni viżwali

u

(b) jekk ikun hemm suspett tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat, jittieħdu l-kampjuni u jiġi identifikat l-organiżmu li jinstab.

*Artikolu 6*

**Stħarriġ dwar l-organiżmu speċifikat fit-territorji tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet annwali dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat fuq il-pjanti speċifikati fit-territorju tagħhom.

2. Dawn l-istħarriġiet għandhom jitwettqu mill-korp uffiċjali responsabbli, jew taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-korp uffiċjali responsabbli. Għandhom jinkludu mill-inqas l-użu ta' nases xierqa, bħal nases bil-feromoni jew nases bid-dawl, u, fil-każ li jkun hemm suspett ta' infestazzjoni mill-organiżmu speċifikat, iridu jittieħdu l-kampjuni biex l-organiżmu jiġi identifikat. L-istħarriġiet għandhom jissejsu fuq prinċipji xjentifiċi u tekniċi tajba, u għandhom jitwettqu fi żminijiet xierqa tas-sena fir-rigward tal-possibbiltà li jinstab l-organiżmu speċifikat.

3. Sat-30 ta' April ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat ir-riżultati tal-istħarriġiet li jkunu twettqu fis-sena kalendarja preċedenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 7*

**Data tal-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 8*

**Data ta' skadenza**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Mejju 2020.

([1]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE tas-7 ta' Ottubru 2004 dwar il-kontrolli tal-identità u s-saħħa tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra, elenkati f'Parti B tal-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, li jistgħu jiġu esegwiti f'post ieħor li mhuwiex il-punt tad-dħul fil-Komunità jew f'post ieħor fil-qrib u tispeċifika l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw dawn il-kontrolli (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 16).

*Artikolu 9*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

# RETTIFIKA

## Rettifika tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 2010

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 288 tad-5 ta' Novembru 2010)*

L-Anness 2, Lista ta' Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 4 ta' dan il-Ftehim, il-punt (c), l-entrata li tikkonċerna l-Ftehim mal-Olanda

(ĠU L 288, 5.11.2010, paġna 8)

(paġna CE/VN/Anness 2/mt 4)

*minflok:* "— l-Artikolu 14 tal-Ftehim Vjetnam – Olanda;",

*aqra:* "— l-Artikolu 14 bis tal-Ftehim Vjetnam – Olanda;".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT